# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 4**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 231/2018 JVC**

**Giovanna sive Joanne Grech Bianco (ID 537072(M)**

**vs**

**1. Mensa Arciveskovili ta' l-Arcidjocesi ta' Malta**

**2. Id-Dar tal-Providenza (VO/1066)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Giovanna sive Joanne Grech Bianco kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Dikjarazzjoni dwar l-oggett tal-kawza

1. Illi l-esponenti hija bint il-mejtin konjugi Vincenzo sive Vincent Bianco u Mary sive Maria Bianco nee Spiteri, kif jidher mic-certifikat relattiv hawn anness bhala **Dok. A**.

2. Illi l-genituri ta' l-esponenti zzewwgu fl-20 ta' Novembru 1955, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala **Dok.B**.

3. Illi omm l-esponenti, Mary Bianco mietet fl-20 ta' Settembru 1993, filwaqt li missierha Vincenzo sive Vincent Bianco miet fit-8 t'April 2008, kif jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness bhala **Dok. C**.

4. Illi l-eredita' ta' l-istess Mary Bianco hija regolata minn testment li kienet ghamlet fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel, datat hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju, elf disa' mija u sitta w sittin (1966) (ara testment anness bhala **Dok. D**), filwaqt li l-eredita' ta' Vincenzo sive Vincent Bianco hija regolata minn testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras datat erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (ara r-ricerki ghal testmenti pubblici, sigrieti, u t-testment innifsu bhala **Dok. E, F** u **G**).

5. Illi permezz tat-testment taghha ta' l-1966 id-defunta Mary Banco halliet bhala eredi universali lill-esponenti, filwaqt li bit-testment tieghu ta' l-2005 appena msemmi, id-defunt Vincent sive Vincenzo Bianco halla bhala eredi universali lid-Dar tal-Providenza, is-Siggiewi.

6. Illi fost l-affarjiet li jikkomponu l-eredita' ta' Vincent Bianco hemm is-sehem tad-defunt mid-dar f'Rahal Gdid.

Raguni tat-Talba

1. Illi ghalkemm debitament interpellati (anke permezz ta' ittra ufficcjali - **Dok. H**) mill-esponenti sabiex jivversaw dak lilha dovut bhala sehem rizervat mill-eredita′ ta' missierha, il-konvenuti baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

2. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talba

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qieghda bil-qima titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn id-defunti konjugi Bianco fuq imsemmija u dan billi tistabilixxi liema hija l-parti spettanti lil-eredita ta' Vincent sive Vincenzo Bianco, kemm dik li hija propjeta' li kienet taghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll kwalunkwe beni akkwistati minnu wara l-mewt ta′ martu, kif ukoll beni parafernali tieghu.

2. Illi konsegwentement tillikwida l-valur ta l-eredita' ta' Vincent sive Vincenzo Bianco hekk kif regolata mit-testment fuq imsemmi u cioe dak ta' l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl-atti tan-Nutar Marica Buttigieg Sciberras, prevja jekk mehtieg il-hatra ta' perit/i sabiex jaghmel il-valutazzjoni tal-beni immobli u kif ukoll mobbli li minnhom hija komposta.

3. Tisabbilixxi l-valur tas-sehem riservat dovut lill-esponenti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-esponenti s-sehem riservat lilha hekk stabbilit kif fuq inghad, bhala d-dixxendenti ta' missierha Vincent Bianco, bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficcjali, u cioe' l-25 ta' Settembru 2017, sad-data tal-pagament effettiv.

B'riserva cara ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghas-sehem taghha derivanti mill-eredita' t'ommha Mary Bianco.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji kollha maghmula kontra l-konvenuti, u ta' l-ittra ufficcjali numru 3480/17 prezentata fil-25 ta' Settembru 2017 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament, il-Mensa Arciveskovili ta' l-Arcidjocesi ta' Malta, mhiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-eccipjenti Dar tal-Providenza qatt ma opponiet ghat-talba tal-attrici, biss sabiex tinghata is-sehem rizervat dovut lilha skont il-Ligi, mill-eredita' ta' Vincnet Bianco.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, pero', kif ser jirrizulta mill-atti, l-esponenti ghal zmien twil talbet certifikati originali minghand l-attrici sabiex tkun tista' tikkunsidra ulterjorment it-talba taghha, liema certifikati, minkejja addirittura talba ohra datata 15 ta' Frar 2018, baqghu ma intbaghtux u ghalhekk l-esponenti ma kinietx f'posizzjoni li tipprocessa it-talba

tal-attrici. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

4. Illi, f' dan l-istadju, gjaladarba, l-esponenti ghandha ma gietx provduta b' certifikat originali tat-twelid tal-attrici, u mhiex f'posizzjoni tikkonferma l-awtenticita tad-dokumenti ezebiti u, l-attrici jekk jidhrilha ghandha tirregola ruhha skont il-Ligi.

5. Illi, l-attrici ghandha tipprova l-fatti minnha allegati fic-citazzjoni skont il-Ligi.

6. Illi, il-konvenuti jiddikjaraw, illi jafu bil-fatti suesposti di scenza propria.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati, ricerki testamentarji, testmenti, kopja ta' ittra ufficjali, ittri legali, ricevuti mid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern, kuntratt, *statements*, dikjarazzjoni *causa mortis*, kontro-ezami, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Giovanna sive Joanne Grech Bianco ntavolat nhar is-26 ta' Frar, 2020 fejn permezz tieghu talbet in-nomina ta' Perit Arkitett sabiex jistabilixxi l-valur tad-dar 'Marvince' fi Triq is-Sultan, Rahal Gdid, flimkien mal-garage ta' tahtha u dan fid-data tal-mewt ta' Vincent Bianco cioe' t-8 ta' April, 2008, rat li ma dahlet l-ebda risposta u rat id-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Frar, 2021 (fol. 362) fejn permezz tieghu laqghet it-talba kif dedotta u ghal dan il-ghan innominat lill-Perit Stephanie Cassar;

Rat ir-rapport tal-Perit Arkitett Stephanie Cassar li gie esebit fl-atti nhar l-20 ta' Mejju, 2021 u mahluf nhar is-26 ta' Lulju, 2021 a fol. 398 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-intimati a fol. 396 et seq tal-process u rat ir-risposti tal-Perit Arkitett Stephanie Cassar a fol. 415 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita ghallum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-qosor:**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Giovanna sive Joanne Grech Bianco hija bint il-mejtin Vincenzo sive Vincent Bianco u Mary sive Maria Bianco xebba Spiteri (ara certifikat tat-twelid a fol. 6 tal-process). Vincent Bianco gie nieqes fit-8 t'April, 2008 (ara certifikat tal-mewt a fol. 8 tal-process), filwaqt li martu Maria Bianco giet nieqsa fl-20 ta' Settembru, 1993 (ara certifikat tal-mewt a fol. 430 tal-process).

   Permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrenti Grech Bianco qeghda titlob li tinghata l-porzjon riservat dovut lilha mill-eredita' ta' missierha Vincent Bianco.

2. Illi mir-ricerki testamentarji kemm pubblici, kif ukoll sigrieti esebiti fl-atti a fol. 11 et seq tal-process, jirrizulta li l-mejjet Vincent Bianco rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment tal-4 ta' Lulju, 2005 fl-atti tan-Nutar Marica Buttigieg Sciberras (ara testment a fol. 16 et seq tal-process).

   Bit-testment tal-4 ta' Lulju, 2005 il-mejjet Vincent Bianco fl-ewwel artikolu hassar ghal kollox u f'kollox kwalunkwe testment minnu maghmul. Fit-tielet artikolu istitwixxa u nnomina bhala eredi universali, proprjetarja u padruna assoluta ta' gidu kollu lid-Dar tal-Providenza, Siggiewi.

3. Illi l-intimati preliminarjament eccepew illi l-Mensa Arciveskovili ta' l-Arcidjocesi ta' Malta mhijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Eccepew ulterjorment illi l-intimata Dar tal-Providenza qatt ma opponiet ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tinghata s-sehem riservat dovut lilha skont il-ligi mill-eredita' ta' Vincent Bianco. L-intimati sostnew illi kif jirrizulta mill-atti huma ghal zmien twil talbu certifikati originali minghand ir-rikorrenti sabiex l-intimata Dar tal-Providenza tkun tista tikkunsidra ulterjorment it-talba, madanakollu jallegaw li dawn baqghu ma ntbghatux u ghalhekk hija ma kinitx f'posizzjoni li tipprocessa t-talba rikorrenti b'dan li m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri. Finalment eccepew li r-rikorrenti ghandha tipprova l-fatti minnha allegati fic-citazzjoni skont il-Ligi.

**<u>Eccezzjoni preliminari – l-intimata Mensa Arciveskovili ta' Arcidjocesi ta' Malta m'hijiex il-legittima kontradittrici:</u>**

Illi preliminarjament l-intimati eccepew illi l-Mensa Arciveskovili ta' Arcidjocesi ta' Malta mhijiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minn qari tat-testment tal-mejjet Vincent Bianco tal-4 ta' Lulju, 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras (fol. 16) partikolarment it-tielet artikolu jirrizulta li l-mejjet Vincent Bianco istitwixxa bhala eredi universali tieghu lid-Dar tal-Providenza. Infatti l-artikolu jaqra illi:

> '- It-tielet artikolu -
>
> It-testatur jistitwixxi u jinnomina bhala eredi universali, propjetarja u padruna assoluta tal-gid tieghu kollu li ghandu u li ghad jista' jkollu ghal wara mewtu lid-Dar tal-Providenza, Siggiewi.'.

Mill-atti jirrizulta li d-Dar tal-Providenza hija organizzazzjoni volontarja u dan il-Qorti setghet tikkonstatah mir-rikors guramentat promotur fejn gie ndikat in-numru taghha bhala dak ta' VO/1066. Mis-sub-artikolu 3 (c) tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta gie ndikat illi:

> '(*c*) L-organizzazzjonijiet reliġjużi ma jistgħux jirreġistraw taħt dan l-Att u m'għandhomx jiġu trattati bħala organizzazzjonijiet għall-finijiet ta' dan l-Att. Dan l-artikolu bl-ebda mod ma għandu jimpedixxi organizzazzjoni reliġjuża milli tistabbilixxi organizzazzjoni li fiha nnifisha mhix organizzazzjoni reliġjuża kif imfisser aktar 'il fuq. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tali

organizzazzjoni tista′ tiġi iskritta u, fejn jitlob dan l-Att, għandha l-obbligu li tiġi iskritta.′.

Jsegwi li l-intimata Dar tal-Providenza hija distinta u separata mill-intimata Mensa Arciveskovili ta′ Arcidiocesi ta′ Malta u effettivament l-intimata Dar tal-Providenza m′ghandha assolutament xejn x′taqsam mal-intimata l-ohra. Ghalhekk ghandhom raguni l-intimati jeccepixxu li l-intimata Mensa Arciveskovili ta′ Arcidiocesi ta′ Malta mhijiex il-legittima kontradittrici kkunsidrat ukoll li din lanqas tiffigura fit-testment tal-mejjet Vincent Bianco. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa′ din l-eccezzjoni preliminari.

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta′ Vincenzo sive Vincent Bianco u hlas tas-sehem riservat lil Giovanna Grech Bianco:**

Illi kif sottomess aktar ʻil fuq Vincent Bianco gie nieqes fit-8 ta′ April, 2008 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta′ Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta′ Malta jaqraw kif isegwi:

ʻ615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa′ ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita

fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

**<u>Assi ereditarji tal-mejjet Vincenzo sive Vincent Bianco:</u>**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Vincenzo sive Vincent Bianco mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Immobbli:</u>**

i. Nofs (1/2) indiviz tad-dar bl-isem 'Marvince' fi Triq is-Sultan, Rahal Gdid (ara kuntratt t'akwist a fol. 438 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz gie stmat mill-Perit Arkitett Stephanie Cassar nominata mill-Qorti bid-digriet tas-26 ta' Frar, 2021 (fol. 362) fl-ammont ta' €100,000 ghas-sena 2008.

**<u>Flus il-bank:</u>**

i. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 15600236023 li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' €15,140.93 (ara statement a fol. 139 tal-process);

ii. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010926215 f'United States dollars li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' $828.42 ekwivalenti ghas-somma ta' cirka €776.38 (ara statement a fol. 200 tal-process);

iii. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40012274923 f'Australia dollars li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' $3,532.50 ekwivalenti ghas-somma ta' cirka €2,278.79 (ara statement a fol. 258 tal-process);

iv. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40012484991 li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' €4,658.75 (ara statement a fol. 296 tal-process);

v. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40012781814 li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' €5,278.70 (ara statement a fol. 314 tal-process).

.

Jigi nutat li l-istatement jindika l-eqreb data qabel il-mewt bhala s-7 ta' Jannar, 2008 u m'hemm l-ebda indikazzjoni

ohra x'kien il-bilanc fid-data tal-mewt tal-missier nhar it-8 ta' April, 2008 b'dan li l-Qorti jkollha tistrieh fuq l-ammont hemm indikat fid-data tas-7 ta' Jannar, 2008.

**Investimenti:**

i. Vilhena Malta Government Bond Fund register number 137103 li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' €5670.70 (ara statement a fol. 353 tal-process);

ii. 8% Bank Of Valletta plc Us$ Bonds 2010 li mad-data tal-mewt ta' Vincent Bianco kellu l-ammont ta' $5,000 (ara statement a fol. 355 u 356 tal-process). Ix-xhud Miriam Azzopardi fix-xhieda taghha a fol. 368 tirreferi ghal dan l-ammont bhala Us Dollars. Fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-rata fis-sena 2008 konvertit llum ghal Euro jigu €4,678.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €100,000 + |
| Flus - | €28,133.55 |
| Investimenti - | €10,348 |
| **Total -** | **€138,481.55** |

Gialadarba r-rikorrenti hija wild unika ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sehemha bhala porzjon riservat huwa dak ta' terz (1/3) u cioe' – **sitta u erbghin elf, mija u sittin euro u tnejn u hamsin centzmu (€46,160.52).**

**Imghax:**

Illi l-kwistjoni tal-imghax hija l-aktar materja kontestata mill-intimati fil-proceduri odjerni. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom isostnu li jkun ingust li jigi akkordat xi mghax fuq is-somma billi sa ftit xhur qabel ma' kien ser jaghlaq it-terminu preskrittiv fuq il-wirt ta' Vincenzo Bianco huma kienu njari tal-ezistenza tar-rikorrenti. Jippuntwalizzaw li fl-ewwel lok ir-rikorrenti ma tistax titlob li tithallas l-imghaxijiet fuq is-sehem riservat mid-data tal-mewt ta' Vincenzo Bianco billi jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti nterpellathom ghal ewwel darba permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3480/2017. Jghidu li r-rikorrenti naqset li tressaq prova li huma gew notifikati bl-istess ittra ufficjali. Fit-tieni lok jghidu li l-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghac-cirkostanza fejn il-Qorti taghzel li ma tallokax imghax jew li tordna li jithallas l-imghax izda b'rata iktar baxxa. Jsostnu li f'dan il-kaz l-proviso msemmi ghandu jigi applikat u dan partikolarment ghar-raguni li r-rikorrenti tul iz-zmien ma wrietx interess fil-kwistjoni. Dan apparti l-fatt li hija kellha fil-pussess taghha l-proprjeta' li nofsha kienet tappartjeni lilhom u ad insaputa taghhom.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argumenti mressqa mill-intimati fir-rigward l-ghoti ta' imghax. Partikolarment ma' taqbilx mal-argument tal-intimati li r-rikorrenti Giovanna sive Joanne Grech Bianco naqset milli tressaq prova tan-notifika u tad-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 3480/2017 lill-intimati u dan peress li vera kopja tal-ittra ufficjali msemmija u tan-notifika relattiva gew ezebiti fl-atti a fol. 428 u 429 tal-process. Bazikament minnhom jirrizulta li z-zewg intimati gew notifikati bl-ittra ufficjali 3480/2017 fid-29 ta' Settembru, 2017.

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Jirrizulta mill-kopja tal-ittra ufficjali li r-rikorrenti Grech Bianco prezentat l-ittra ufficjali nhar il-25 ta' Settembru, 2017 mibghuta liz-zewg intimati Mensa Arciveskovili ta' l-Arcidjocesi ta' Malta u lid-Dar tal-Providenza (VO/1066) li giet notifikata nhar id-29 ta' Settembru, 2017 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat spettanti lilha mill-wirt ta' Vincent Bianco li miet fit-8 ta' April, 2008.

Illi l-kaz odjern gie ntavolat fit-12 ta' Marzu, 2018 u ghalhekk ftit xhur wara l-intavolar tal-ittra ufficjali. Ikkunsidrat x'tiddisponi l-ligi, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ghandha l-jedd ghall-imghax legali fuq il-kreditu taghha likwidat aktar il-quddiem mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali 3480/2017 u cioe' mid-29 ta' Settembru, 2017.

**Spejjez:**

Illi l-intimati jsostnu li m'ghandhomx ibghatu spejjez u dan ghaliex sa ftit qabel ma kien ser jaghlaq it-terminu preskrittiv fuq il-wirt ta' Vincent Bianco huma kienu ghadhom ma jafu xejn dwar l-ezistenza tar-rikorrenti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jaccennaw ukoll kemm-il darba li ghalkemm ir-rikorrenti ssemmi ittra li tmur qabel l-2017 fl-atti ma tressqet l-ebda prova taghha.

Illi l-Qorti rat li huwa minnu li fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda ittra li tmur qabel is-sena 2017, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora xhieda ta' John Mary Grech ir-ragel tar-rikorrenti moghtija bl-uzu tal-affidavit a fol. 48 tal-process fejn bil-gurament ikkonferma li huwa personalment kien mar id-Dar tal-Providenza f'Dicembru, 2012 u hemm hekk kien kellem lil Fr Martin Micallef. Ix-xhud jikkonferma bil-gurament li kien halla kopja tac-certifikat tal-mewt, tat-testment u tal-ittra li kien baghat Dottor Toni Abela, liema xhud ma gie bl-ebda mod kontradett billi lanqas sarlu kontro-ezami. Apparti minn hekk l-iskuza li l-intimati kienu qed jitolbu l-original jew vera kopja tac-ceritfikat tat-twelid qabel ma jibdew jikkunsidraw it-talba tar-rikorrenti l-Qorti tqisha bhala skuza banali ghall-ahhar u kjarament l-ittri ripetitorji tal-intimati lill-Avukat tar-rikorrenti kienu ntizi sabiex itawlu l-kwistjoni u xejn aktar. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti tqis li l-ispejjez kollha, nkluz tal-intimata Dar tal-Providenza salv l-ewwel eccezzjoni, ghandhom jigu kollha sopportati mill-intimata Dar tal-Providenza stante li giet prezentata risposta kongunta.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u tiddikjara li l-intimata Mensa Arciveskovili ta' Arcidjocesi ta' Malta mhijiex il-legittima kontradittrici u ghalhekk qieghda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrenti;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-eredita' ta' Vincenzo sive Vincent Bianco bhala dik konsistenti fil-proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-beni akwistati minnu wara l-mewt ta' martu Mary sive Maria Bianco, kif ukoll, dawk parafernali bhala dawk indikati fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejjet Vincenzo sive Vincent Bianco:**';

4. Tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tillikwida l-valur ta' l-eredita' ta' Vincent sive Vincenzo Bianco hekk kif indikata fis-sezzjoni '**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:'**;

5. Tilqa' t-tielet talba u tistabbilixxi l-valur tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' **sitta u erbghin elf, mija u sittin euro u tnejn u hamsin centezmu (€46,160.52)**;

6. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimata Dar tal-Providenza thallas lir-rikorrenti s-sehem riservat hekk stabilit fl-ammont ta' **sitta u erbghin elf, mija u sittin euro u tnejn u hamsin centezmu (€46,160.52)** bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali, u cioe' mid-29 ta' Settembru 2017, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ghar-ragunijiet kif suesposti ghandhom ikunu interament a karigu tal-intimata Dar tal-Providenza salv l-ispejjez tal-ewwel eccezzjoni li huma a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Frar, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar, 2023**